**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' Jannar 2025**

**<u>Rikors guramentat nru ; 214/2022 AGV fl-ismijiet ;</u>**

**EM**

**VS**

**KM**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors Guramenat ta'  EM  ;**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:

1. Illi l-kontendenti ilhom legalment separati b`permezz ta kuntratt datat il-hdax ta' Frar 2022. Fl-atti tan-nutar Mary Camilleri Kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bhala **DokEM1** .Il-  Partijiet wara dan il-kuntratt ottjenew ukoll id-divorzju b`permezz ta' sentenza mahruga minn din l-Onorabbli Qorti tas-16 ta' Gunju 2022.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe  KOM   u KY M    illi twieldu nhar l-ghaxra ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra u ghaldaqstant huma minorenni.

3. Illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni fuq indikat il-kontedenti ghandhom kura u kustodja kongunta tat-tewmin minuri filwaqt illi r-residenza ordinarja   taghhom hija mal-konvenuta.

4. Illi l-konvenuta lejn l-ahhar ta' Mejju ta' din is-sena u cioe is-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022) kienet intavolat f 'incident awtomobolistiku minhabba li kienet taht l-influwenza tal-alkahol u tewmin minuri kienu gol-istess karozza maghha kopja tar-rapport anness u mmarkat bhala **DokEM2.**

5. Illi l-minuri K O M wara dan l-incident partikolari u wara li ra l-konvenut f ‘ dak l-istat ,avvancina lill-attur fejn urieh ix-xewqa li jmur jghix mieghu flok mal-konvenuta u l-esponenti ma kellu ebda oggezzjoni li jiehu hsieb il-minuri hu li fil-fatt wara l-incident hu hassu opportun li jintavola proceduri ta’ medjazzjoni sabiex ir-residenza primarja tal-minuri tewmin tkun mieghu.

6. Illi kien hemm istanza wkoll tal-minuri kienu mhassba dawr il-benessere tal-minuri u dan ghaliex meta kienu ma’ ommhom , ma kienux qeghdin imorru l-iskola ghajjenien u bil-guh u lanqas ma kien ikollhom ikel preparat ghal-lunch.

7. Illi b`permezz tad-digriet mahrug minn din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta’ Settembru 2022, l-istess Onorabbli Qorti ordnat li fil-waqt il-kura u l-kustodja tibqa konguntiva bejn il-partijiet ordnati biex il-minuri K OM jghix ma’ missieru filwaqt illi l-konvenuta jkollha access taht supervizzjoni tad-diettorat ghall-Harsien tat-Tfal , kopja tad-digriet anness u mmarkat bhala **DOK EM3.**

8. Illi fl-umil opinjoni tal-attur , prezentiment il-minuri li ghadu jghix mal-konvenut u cioe KY M huwa f`periklu kbir illi mhuwiex fl-aqwa nteress tieghu li jkompli jirrisjedi mal-konvenuta u dan kif ser jigi trattat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

9. Illi l-attur dejjem haseb ghall- bzonnijiet taz-zewg minuri u jemmen illi hu ghandu jigi moghti l-kura u l-kustodja assoluta taz-zewg tewmin minuri u dan fl-ahjar interess taghhom.

10. Illi l-esponenti gie awtorizzat sabiex jipprocedi b`din il-kawza permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti (vide **Dok EM3**).

11. Illi l-esponenti jaf b`dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant ghar-rgunijiet surreferiti l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi vverifikament ruhhom cirkustanzi u ragunijiet illi jaghtu lok illi l-kura u l-kustodja u r-residenza ordinarja tal-minuri jigu varjati.

2. Tirrivedi r-residenza ordiajr tal-minuri KO u KYM , kif stipulat fl klawzola 3(a) tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet sabiex ir-residenza ordinarja taghhom tkun mar-rikorrenti u dan sakemm ikunu maggorenni.

3. Tirreivedi l-kura u l-kustodja tal-minuri KO u KYM ,kif stipulat fi klawsola 3(b) tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet sabiex il-kura u l-kustodja taghhom tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti.

4. Tirrivedi klawsola numru 3(c) rigward il-passaport tal-minuri u mhux mill-konvenuta.

5. Tordna illi pendente lite u sakemm jinqatghu dawn il-proceduri, ir-residenza ordinajrja tal-minuri KYM tkun mal-missier u dan sabiex

l-istess minuri jerga jinghaqad ma' huh KO u sabiex il-benessere tieghu ikun issalvagwadjat.

6. Tordna illi pendente lite u sakemm jinqaghtu dawn il-proceduri lill-konvenuta thallas lir-rikorrenti somma ta' mantentiment fir-rigward tal-minuri KO u KY ,liema somma m`ghandhiex tkun inqas minn mitejn ewro (€200) ghal kull minuri.

7. Illi <u>f`kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax il-hamsa u sitt talba,</u> tissospendi pendenti lite l-hlas ta' kull manteniment fis-sens l-rikorrenti ma jhallasx manteiment ghall-minuri KY u l-konvenuta ma thallasx manteniment ghal minuri KO .

8. Tirrivedi illi l-manteniment ghaz-zewg minuri KO u KYM kif stipluat fi klawsola numru 3(f) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet jithallsu mill-konvenuta sakemm il-minuri tewmin jaghlqu t-tlieta u ghoxrin sena (23) jekk ikomplu bl- istudji taghhom jew tmintax- il sena (18) jew sakemm isibu mpjieg full time mitejn ewro (€200) ghal kull minuri.

9. Tordna illi l-manteniment kif deskritt fit-tmien talba jinqata' direttament b`permezz ta' standing order mill-kont tal-konvenuta.

10. Tirrevedi illi nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghaz-zewg minuri kif stipulat fi klawsola numru 3(f) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet jithallsu mill-konvenuta lir-rikorrenti.

11. Tirrivedi illi kull beneficcju socjali u jew ghajnuna socjali inkluz ic- childrens allowance in konnessjoni mat-tfal tewmin minuri kif

deskritt fi klawsola numru 3(i) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet ikun pagabbli esklussivament lir-rikorrenti.

12. Tiffissa, jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet kollha tal-attur il-modalitajiet ta' access li l-intimati ghandhom jkollha ghall-minuri tewmin KO u KYM

U dan kollu taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportun.

Bl-ispejjez inkulz dawk tal-procedura ta' medjazzjoni li jgibu referenza numru 687/22 u bil-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

**Rat ir- risposta guramentata ta' KM illum kunjomha B.**

**Tesponi bir-rispett u l-istess KM llum B bil-gurament taghha tikkonferma:-**

1. Illi fl-ewwel lok jinghad in segwitu tad-decizjoni ta' divorzju pronunzjat minn dina l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Gunju 2022, kunjom l-esponenti irrevertiet ghal kunjom xbubitha cioe B u ghalhekk qabel xejn ghandha ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrizulta il-kunjom imnizzel skorrett tal-istess konvenuta;

2. Illi  t- talbiet kollha mressqa mill-attur ghandhom jigu respinti peress illi mhux biss ma humiex bbazati fuq fatti vertiera   u imma si tratta ta ‘fatti li tassew mhux minnhom li sehhew;

3. Illi addirritura l-unika cirkostanza gdid li avverrat ruhha in segwitu tal-kuntratt ta’ separazzjoni hija precizament l-agir abbusiv u illegali da parti tal-attur stess kif ser jigi spjegat ahjar hawn taht;

4. Illi fattwalment ma hu minnu xejn li l-esponenti kienet qieghda ssuq taht l-influwenza tax-xorb jew taht xi sustanza probita fl-incident tat-traffiku li ssemma mill-attur;

5. Illi anqas ma hu minnu li l-minuri KO M   wera’ x-xewqa li jmur jirrisjedi ma’ missieru. Mhux hekk biss izda l-istess minuri lanqas biss ried li jmur ma’ missieru fil-hinijiet tal-access ta l-istess missier;

6. Illi ta min jiirvela li l-istess minuri KO M ibati minn kundizzjoni ta’ ADHD U minn mild autism u ghalhekk huwa suxxettibli ferm ghal dak li jghidulu;

7. Illi fil-fatt kien l-istess missier li abbuzivament u illegalment zamm lill-istess minnuri jirrisjedi mieghu kontra r- rieda tal-istess minuri u ta’ ommu l-odjerna esponenti;

8. Illi fil-fatt fuq dan il-agir, l-istess esponenti baghtet kwerela lil pulizija esekuttiva halli jiehdu passi kontra l-attur u kif ukoll fethet proceduri ta’ medjazzjoni (687/22) biex l-imsemmi minuri jigi ritornat lilha kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati  Dok KM1 u KM2;

9. ILLI anqas ma hu minnu dak li qed jigi allegat mill-attur in konnessjoni ma’ dak li qed jghid li sema’ minghand l-ghalliema tal-iskola;

10. Illi ta’ min jirrileva li l-fatti juru mod iehor . dana qed jinghad fis-sens illi l-attur tassew mhux qed jiehu hsieb il-minuri KO – bizzejed jinghad li beda jhallih isuq il-vettura ta’ hdax -il sena u mindu kemm hatfu taht idejh ma baqax jibghatu l-iskola tant,illi anke tilef l-ezamijiet u dana kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok KM3;

11. Jinghad inoltre’ li l-attur ma jistax jigi kkunsidrat bhala bniedem li kapaci jiehu hsieb lil uliedu u dana peress illi fl-ewwel lok huwa ta’ sikwit isuq vetturi minghajr licenzja u addirittura jibdel il-pjanci minn vettura ghal ohra vide sensiela ta’ ritratti ikoll fl-imkien mmarkat Dok KM4;

12. Illi pero’ aktar importanti u ta’ serjeta’, huwa l-fatt li ex admissis fuq gurament tieghu stess l-attur jafferma li **affettwat minn mard ta’ natura mentali u qieghed jiehu l-kura necessarja kif ukoll niehu l-medicina necessarja”- Vide Dok KM5;**

13. Illi fuq dan l-ahhar aspett biss ghandu jigi rivelat li l-attur tassew ma hux bniedem affidabbli;

14. Illi jinghad ukoll li l-attur hija persuna midjuna ma’ hafna nies u whud minnhom addirittura mhux ta’ karattru tajjeb li jista qieghed lill-minuri fil-periklu taghhom partikolament meta qies li fil-passat gieli kien imur jiddejjen maghhom fil-presenza ta’ uliedu minuri u dana kif ser jigi ppruvat f’ dawn il-proceduri.

15. Illi dawr il-procedura ta' medjazzjoni imsemmija fl-odjern rikors promotur , hija haga stamba ferm u dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mistiedna sabiex tistharreg sew dwar il-mod kif inhareg id-digriet ta' l-14 ta' Settembru 2022. Dana qed jinghad peress illi din il-procedura nbdiet mill-odjerna konvenuta cioe' l-omm halli l-minuri jigi ritornat liha wara li kien hatfu mieghu l-missier u haga tal-iskantament il-Qorti tordna li l-imsemmi minuri jibqa jirrisjedi mal-missier avolja kien ittiehed minnu b' mod abbuziv u illegali u l-konvenuta jkollha biss dritt ta access taht supervizjoni u dana kollu MINGHJAR MA KIEN HEMM TALBA F`DAN IS-SENS MILL-MISSIER u apparti il-fatt li tassew ma jidhrix li kien hemm xi smiegh xieraq fl-istess process ta' medjazzjoni;

16. Illi fil-fatt ghandu jirrizulta li l-konvenuta la kienet avzata bis-seduti tal-medjazzjoni u anqas bin-nomina ta' xi avukat tat-tfal u wisq anqas gie ntervistat mill-istess avukat – kollox jidher sar ad insaputa taghha u minn wara daharha;

17. Illi fil-verita' ghalhekk ma jezistu ebda cirkustanzi, li jimmeritaw xi tibdil fil-klawsoli relattivi tal-kuntratt ta' separazzjoni ghal fejn jirrigwardaw il-minuri hlief ghal agir abbusiv u illegali da parti tal-istess attur;

18. Illi z-zewg minuri jinsab ndokrat tajba minn ommhom il-konvenuta u ghalhekk jehtieg li l-istess minuri jibqghu jirrisjedu ai termini tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

19. Illi dwar it-talba kontenuta fir-rikors prezentat fl-atti ta' din l-istess kawza respinta peress illi l-premessi hemm indikati huma ghal kollox invertierja. Il-verita' hi, li l-esponenti tassew kienet waslet tard l-iskola biex tigbor lil KY minhabba t-traffiku pero' l-istess KY fiz-zewg okkazzjonijiet kien ingabar minnha u mhux minn missieru;

20. Ta' min jghid f' dan ir-rigward illi l-attur baqa' sallum ma jiffirmax ghal kunsens tieghu biex iz-zewg minuri jibdlu l-iskola mir-rahal ta' Hal-Kirkop ghal rahal aktar vicini r-residenza tal-omm (Qawra) cioe' Mosta jew Naxxar;

Illi ghalhekk in vista tal-premess ghar-ragunijiet fuq indikati tal-attur ghandhom jigu ikoll michuda bl-ispejjes kontra tieghu fil-waqt li l-istess attur qieghed minn issa jigi ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti tal-medjazzjoni 687/22, annessi ma' dawn l-atti, inkluz ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Tatianne Scicluna Cassar, datat 7 ta' Settembru, 2022.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kienu mizzewgin u kellhom zewgt itfal tewmin, KO  u KY M, imwielda fl-10 ta’ Lulju 2010. Jidher li fil-passat, it-tnejn kienu jaghmlu uzu minn sustanzi illeciti, u t-tfal kienu anke ittiehdu f’residenza ohra. Illum, il-partijiet huma separati b’kuntratt datat 11 ta’ Frar 2022, fejn giet regolata l-kura w kustodja tal-minuri billi fi klawsola 3a gie determinat li l-istess kura w kustodja ghandha tkun wahda kongunta, b’dana illi t-tfal jirrisjedu mal-omm b’access versu l-missier. Fis-16 ta’ Gunju 2022 huma kisbu d-divorzju.

Gara, izda, li l-konvenuta kellha incident bil-vettura taghha f’Mejju 2022, fejn fl-istess vettura kien hemm ukoll it-tewmin. L-attur allega li l-konvenuta kienet fi stat ta’ sakra meta habtet, u t-tifel beza’ u ma riedx jibqa’ ma’ ommu. Infethu proceduri ta’ medjazzjoni, fejn il-minuri KO gie awtorizzat jghix mal-attur minflok mal-konvenuta. Il-minuri KY  baqa’ jirrisjedi mal-omm. Ghalhekk l-attur istitwixxa dawn il-proceduri fl-10 ta’ Ottubru, 2022, biex jigi varjat il-kuntratt.

B’ Digriet tas-17 ta’ Novembru, 2022, il-Qorti hatret lil Dr Moira Borg bhala terapista ghall-minuri, sabiex tiddetermina x’inhu fl-ahjar interess tal-minuri u tirrelata lura lill-Qorti dwar ir-residenza fejn ghandhom jghixu t-tfal u l-access versu l-genitur.

Illi fil-21 ta’ Marzu, 2023, Dr Borg espletat l-inkariku moghti lila u ppresentat ir-rapport taghha lill-Qorti. Mill-istess rapport irrisulta li l-minuri KY ,  li kien qed jirrisjedi mal-omm, kien qed juri sintomi ta’ stress gholi. Irrisulta li kien qed jigi mgieghel minn ommu biex jghid affarjiet hziena dwar missieru u huh. Is-sintomi ta’ stress gew anke ossevati mill-professjonisti tal-iskola tal-minuri. Ir-rapport jsemmi

hafna aktar dettalji u episodji ta’ thassib li wasslu ghall-konkluzjoni li Dr Borg irrakkomandat lill-Qorti li l-minuri jmur jghix ma’ missieru u huh, li l-missier jinghata l-kura w kustodja tal-minuri, u li kull access tal-minuri versu l-omm jigi esercitat taht supervizjoni.

Wara dan ir-rapport, fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 2023, l-omm talbet li tkun tista’ tbiddel l-iskola tal-minuri KY , sabiex jibda jattendi skola qrib ir-residenza taghha gewwa n-Naxxar. Sa dak il-mument, iz-zewg minur kienu qed jattendu l-iskola ta’ Hal Kirkop.

B’ digriet tat-13 ta’ April, 2023, il-Qorti laqghet ir-rakkomandazzjonijiet kollha maghmula u ordnat li z-zewg minuri jirrisjedu mal-attur, u irriservat li jigi regolat l-access tal-istess minuri mal-omm fi stadju ulterjuri. Il-Qorti ordnat ukoll li l-konvenuta tinghata l-assistenza kollha necessarja mill-Agenzija Sedqa.

Fil-5 ta’ Lulju, 2023, il-konvenuta talbet li tinghata access versu l-minuri, li beda jigi esercitat kull nar ta’ Tlieta ma’ KY  u kull nhar ta’ Hamis ma’ KO,  dejjem taht is-supervizjoni tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal. Fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru, 2023, xehdet haddiema tad-Direttorat, Lara Calleja, li qalet li l-access ghandu jibqa’ taht supervizjoni ghal aktar zmien, u li kien hemm numru ta’ visti li kienu gew ikkancellati mill-omm. Dakinhar xehed ukoll Juan Vella, social worker ma’ Sedqa, li ilu jsegwi lill-attur, u li qal li illum l-attur huwa stabbli u mhux qed jabbuza aktar minn sustanzi.

Fl-affidavit tieghu, l-attur jikkonferma li huma kienu zzewgu fl-2015, u li t-tewmin kienu twieldu fl-2010. Il-konvenuta kellha wkoll zewgt itfal ohra minn relazzjoni ohra qabel it-tewmin, u dawn it-tfal gew

ukoll addottati minnu. Jispjega l-incident li kellha l-konvenuta bil-vettura taghha, meta KO ghazel li jmur jghix mieghu. Jispjega wkoll li kien inkwetat hafna ghal Kaydil, ghax beda jissuspetta li l-konvenuta kienet qed thallih wahdu. Meta KY beda jirrisjedi mieghu, kien qallu b'diversi drabi fejn fil-fatt kien thalla wahdu minn ommu, u fejn kellu anke jiehu hsieb hu ta' ommu.

Dawn il-fatti gew ikkorroborati minn JM , it-tifla tal-konvenuta, addottata mill-attur, li spjegat fid-dettall kemm ommha kienet tabbuza mid-droga u kemm hi kellha tiehu hsieb ta' ommha u ta' hutha t-tewmin, tant li kellha tieqaf mill-iskola tal-eta' ta' 13-il sena. Hija tghix mal-attur u ma' hutha t-tewmin.

Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2024, l-attur esebixxa diversi dokumenti li juru xi spejjez qed jhallas ghaz-zewg minuri.

Fit-18 ta' April 2024, id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal ippresenta rapport dwar it-thassib taghhom ghall-imgieba tal-konvenuta waqt l-access. Hi kienet qed tfalli numru ta' vizti minhabba mard, u li kienet ghadha qed tabbuza mid-droga. Waqt l-access, ta' spiss kienet tghid kliem kontra l-missier u kontra bintha J,  u whhlet fihom li huma qed jdawru lit-tewmin kontra taghha. Ghalhekk id-Direttorat, filwaqt illi fakkar lill-konvenuta li m'ghandhiex tuza certu kliem waqt l-access, irrakkomandat li hi tibqa' tfittex l-ghinuna ghall-kundizzjoni mentali taghha u ghall-abbuz tad-droga.

Il-konvenuta ippresentat l-affidavit taghha fis-26 ta' Gunju 2024, fejn tghid li kemm hi kif ukoll l-attur it-tnejn kien jabbuzaw mid-droga, u li kien hu li qabbadha tiehu. Meta kienet tipprova tehles mill-vizzju,

kienet tmur lura d-dar u ssib lill-attur qed jiehu d-droga u tiehu hi mieghu. Ghalhekk kellha tissepara minn mieghu. Il-konvenuta tghid li t-tfal kienu kunteni maghha u kienu jmorru tajjeb l-iskola.

Fid-29 ta’ Lulju, 2024, l-attur ressaq rikors ghall-hlas tal-manteniment ghat-tewmin, li baqa’ mhux notifikat lill-konvenuta, u ghalhekk mhux dekretat.

Fid-9 ta’ Ottubru, 2024, Dr Moira Borg, li baqghet issegwi l-progress taz-zewg minuri, irrapportat lill-Qorti li t-tfal kienu qed jbatu waqt l-access, peress illi l-konvenuta ma kienetx regolari fil-vizti taghha, u kienet ukoll tasal tard jew titlaq kmieni, u baqghet twahhal fl-attur u f’bintha Jeatanne ghall-istat finanzjarju u mentali taghha. Dan kollu kien qed jikkawza hafna tbatija lit-tfal. Dakinhar stress fis-seduta, il-Qorti issospendiet l-access tal-konvenuta versu l-minuri.

Il-konvenuta ma ressqetx provi ohra, u fis-seduta tat-13 ta’ Novembru, 2024, il-Qorti iddikjarat l-istadju ta’ provi maghluq u halliet il-kawza ghas-sentenza.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Kura w kustodja, residenza</u>**

Illi bil-provi prodotti mill-partijiet, ma hemmx wisq x’wiehed jzid. L-attur qed jitlob li jigi fdat bil-kura w kustodja taz-zewg minuri KO u KY, wara li dawn kienu fil-kura tal-konvenuta u wara li t-tnejn gew

relokati u bdew jirrisjedu mieghu, u ghalhekk qed jitlob ukoll li jibqghu jirrisjedu mieghu u li jibda jircievi manteniment minn ghand l-istess konvenuta. Huwa evidenti li l-minuri illum jinsabu fi stat hafna ahjar milli kienu meta kienu qed jirrisjedu mal-konvenuta. L-espert tal-Qorti Dr Moira Borg irrapportat lura lill-Qorti li mal-attur hemm stabbilita' u ma hemm ebda biza' ta' hsara ghal sahhithom, kemm fiziku kemm psikologiku.

Il-partijiet bdew bi problemi ta' abbuz ta' droga waqt li kienu flimkien. Mil-provi prodotti jirrisulta li l-attur irnexxielu jeghleb dawn il-problemi kollha u s-social workers tieghu m'ghandhom ebda thassib dwaru. Sfortunatament, il-konvenuta ghadha ma rnexxilhiex teghleb dawn id-diffikultajiet. L-omm mhix qed tinduna kemm ghandha impatt fuq il-hajja ta' uliedha, u kemm il-minuri ghandhom bzonn il-fugura ta' omm f'hajjithom. S'issa, ghadha ma rnexxilhiex tmur lil'hinn milli twahhal f'haddiehor flok taghraf ir-responsabbiltajiet taghha bhala genitur. Zgur li, ghalhekk, il-konvenuta mhijiex f'qaghda li sservi bhala genitur f'hajjet uliedha, sakemm ma terfax ir-esponsabbilta' tal-ghemil taghha. Ghalhekk il-konvenuta ser jkollha bzonn ta' aktar ghinuna ta' professjonisti, bl-isperanza li tkun tista' terga' tgawdi lil uliedha f'ambjent xieraq.

Sakemm dan jsehh, pero', il-Qorti trid thares biss l-interess ewlieni tal-minuri. Huwa fl-interess taghhom illi jkollhom trobbija shiha 'il boghod minn inkwiet u thassib zejjed. Fil-present, dan jista' jigi offrut biss minn missierhom, l-attur. Madankollu, il-Qorti tifhem illi jkun utli u ta' beneficcju ghat-tfal jekk jkollhom relazzjoni ukoll m'ommhom. F'dan l-istadju, huwa difficli hafna li dan jsehh. Ghalhekk il-Qorti sejra testendi l-inkariku ta' Dr Moira Borg u tad-Direttorat ghall-

Harsien tat-Tfal biex jibqghu jsegwu lill-minuri u jzommu kuntatt mal-professjonisti li qed jassistu lill-konvenuta fil-kura mid-dipendenza fuq id-droga, biex jekk jkun il-waqt, jergghu jibdew il-vizti ta' access taht supervizjoni.

**<u>Manteniment</u>**

L-attur qed jitlob ukoll li l-konvenuta thallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €200 fix-xahar ghal kull wild. Huwa esebixxa dokumenti illi juru kemm jonfoq ghal uliedu. Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenuta, li lanqas ressqet provi biex tindika x'inhu d-dhul taghha fix-xahar u xi spejjez ghandha, jew jekk ghandhiex impieg fiss. Il-Qorti tqis li mitejn Ewro fix-xahar huwa l-minimu li solitament jigi ordnat bhala manteniment ghal tfal minorenni. Il-Qorti hi tal-fehma li dan l-ammont huwa gust u ragonevoli fil-kaz odjern. Huwa l-obbligu tal-genituri illi jmantnu lil uliedhom bil-mezzi illi ghandhom.

It-tfal ser jghalqu l-eta' ta' hmistax-il sena, u l-ispejjez taghhom zgur ser jkunu konsiderevoli. Wiehed jawgura li jibqghu jistudjaw u jiksbu kull success f'hajjithom, u li jibqghu jsibu wens u ghinuna fil-familja taghhom. Il-Qorti tispera wkoll li l-konvenuta tbiddel hajjitha u tibda tkun omm esemplari ghal uliedha.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi vverifikaw ruhhom cirkustanzi u ragunijiet illi jaghtu lok illi l-kura u l-kustodja u r-residenza ordinarja tal-minuri jigu varjati.

2. Tirrivedi r-residenza ordinarja tal-minuri K O u KYM kif stipulat fl klawzola 3(a) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet sabiex ir-residenza ordinarja taghhom tkun mar-rikorrenti u dan sakemm ikunu maggorenni.

3. Tirrivedi l-kura u l-kustodja tal-minuri KO u KYM kif stipulat fi klawsola 3(b) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet sabiex il-kura u l-kustodja taghhom tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti.

4. Tirrivedi klawsola numru 3(c) rigward il-passaport tal-minuri KO u KYM sabiex il-passaporti tal-istess minuri jinzammu mill-attur u mhux mill-konvenuta.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba, in vista ta' dak deciz fit-tieni talba.

5. Tiffissa retta alimentari ghall-minuri, u tordna li l-konvenuta thallas lir-rikorrenti somma ta' mantentiment fir-rigward tal-minuri KO u KY M fl-ammont ta' ewro (€200) fix-xahar ghal kull minuri.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba’ talba, in vista ta’ dak deciz dwar manteniment.

7. Tirrivedi illi l-manteniment ghaz-zewg minuri KO u KYM kif stipluat fi klawsola numru 3(f) tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet jithallsu mill-konvenuta sakemm il-minuri tewmin jaghlqu t-tlieta u ghoxrin sena (23) jekk ikomplu bl- istudji taghhom jew tmintax- il sena (18) jew sakemm isibu mpjieg full time skond liema kundizzjoni tavvera ruhha l-ewwel.

8. Tordna illi l-manteniment kif deskritt fit-tmien talba jinqata’ direttament b`permezz ta’ standing order mill-kont tal-konvenuta.

9. Tirrevedi illi nofs l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni ghaz-zewg minuri kif stipulat fi klawsola numru 3(f) tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet jithallsu mill-konvenuta lir-rikorrenti.

10. Tirrivedi illi kull beneficcju socjali u jew ghajnuna socjali inkluz ic- childrens allowance in konnessjoni mat-tfal tewmin minuri kif deskritt fi klawsola numru 3(i) tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet ikun pagabbli esklussivament lir-rikorrenti.

11. Tikkonferma li l-access tal-konvenuta versu l-minuri ghandu jibqa’ sospiz, u jerga’ jibda biss wara li jsiru l-assessments necessarji mill-professjonisti li qed jassistu lill-konvenuta, u wara li d-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal u l-esperta tal-Qorti Dr Moira

Borg jawtorizzaw illi ghandu jerga' jibda jigi esercitat l-access, li ghandu jibqa' taht supervizjoni.

Ghal dan il-ghan testendi l-inkariku moghti lil Dr Moira Borg u lid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, sabiex fl-interess ewlieni tal-minuri u wara li jkunu hadu konjizzjoni tax-xewqat tal-minuri, jerga' jibda l-access bejn il-konvenuta u l-istess minuri taht is-supervizjoni tad-Direttorat.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Antonio G Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**